żarbun. Issa tagħmel telefon u ddum għomor titkellem; waqt l-ikel leħenha jinstama' minn tarf il-kamra għal ieħor—fi ftit kliem, b'mod jew ieħor tinħass li jkun hemm hi. U kif sab ruħu b'dak il-baħħ f'qalbu, Lorry inġibed lejha bis-sħiħ, u hi min-naħa tagħha ma baqgħetx lura. U ħarġu flimkien kemm-il darba: daqqa *picnic*, oħra marru jaraw il-*ballet*, jew il-ftuħ tal-wirja tal-pittura moderna, jew jisimgħu xi żewġ kunċerti ta' mużika, u x'naf jien. Imma aktar ma jafha u aktar iħoss li ma jgħaddix mingħajrha, aktar beda jagħraf li dik ma tgħoddx għal miegħu, għax bħalma toħroġ miegħu toħroġ ma' ħaddieħor, u għaliha l-ħajja xort'oħra milli kien jaħsibha hu. Għaliha l-ħajja li tgħix għall-mument, li tgawdi meta, kif u fejn issib tgawdi, u ħallik mill-għada, għax għada m'għandu x'jaqsam xejn mal-lum, u dak tal-bieraħ għadda u mar, u ma jorbtokx mal-lum jew m'għada! Għalfejn tħabbel rasek bl-imħabba li tobormok bil-qawwa tagħha, u tintrabat biex terfa' l-piż ta' familja? Biex tiġi gwerra oħra, kif tiġi kull tant żmien, u tħarbatlek kulma tibni, u tisraqlek lil kull min tgħożż, bħalma tilfet hi lil niesha kollha meta t-Tedeski ibbum-bardjawlha darha...! La ħaslet ma metitx magħhom hi wkoll, jaqbel li tgħix għaliha nfisha biss, u ssoff il-ftit għasel li taf tagħti l-ħajja; u mill-bqija d-dinja tibda biha u tispiċċa fiha—ma tobgħod lil ħadd, tfarraġ jew titfarraġ skond kif jinzerta, u m'hemmx għalfejn tibki jew tħalli min jibki warajk...

Ma domtx ma tlaqt minn hemm jien. Tgħidx kemm ħassejt għal Lorry meta għafasna id xulxin qabel irkibt il-ferrovija għal Londra... Stajt nobsor mniex għadda. Wara sirt naf li dik il-Pollakka damet sitt xhur oħra qabel ma telqet darba għal dejjem minn dak il-post u għabet għal kollox mill-ħajja ta' Lorry. Tassew sitt xhur m'huma xejn u huma ħafna. Ma tridx tkun flok Lorry. Ngħid għalija, għamilt żmien naħseb fih, u għadni nġibu quddiem għajnejja fil-kwiet ta' dik id-dar kbira mitlufa f'nofs il-firxa ta' wita miksija bil-ħdura, b'qalbu mtertqa fil-ljieli koroħ ta' bla rqad, fil-ħinijiet ta' taqlib ir-ruħ, fin-nofs dawl ta' kif kien jinsab u kif seta' sab ruħu li kieku ssokta ma' min darba ħabb ġewwa Malta, qabel ma ġietu f'moħħu li jmur hemm, fejn kellu jibqa' jħoss il-ħruq u l-kedd tax-xenqa barra minn pajjiżu.

---

## MILL-KRONAKA TAGĦNA

### P. Ġ. MEILAK S.J. GĦALAQ 60 SENA ĠIŻWITA

**Nifirħu lill-Membru Akkademiku, Patri Ġużeppi Meilak, S.J. li għalaq sittin sena fil-Kumpanija ta' Ġesù. Sittin sena ta' ħidma fil-qasam tal-Mulej, ta' ġabra qalb il-kotba, ta' riżq għall-ilsien Malti.**

**Jalla Ġesù Ħanin iżomm idejh fuqu u jisilfu għomor twil u jseddaq bil-barka Tiegħu lil dan id-Dekan tal-"Għaqda".**



# META L-MARA TIBQA' TMIERI

## KUMMIEDJA B'ATT WIEĦED

*Ta'* A. Cremona

**PERSUNAĠĠI**

ĠAN FELIĊ, *żewġ*
KAROLINA
SOFIE, *binthom*
ĠAMRI, *ġennien fid-dar ta' Ġan Feliċ*
SAVER, *neguzjant*
ĠOĠO, *ibnu*
ĠERVAŻJU, *nutar*
ALDO, *żagħżugħ bin*
IL-BARUNI CIANTAR
DOVINA, *oħt Ġan Feliċ*
TESSIE, *seftura fid-dar ta' Ġan Feliċ.*

F'MALTA, IL-LUM

*Salott fid-dar ta' Ġan Feliċ, tavolin tal-kawba fin-nofs b'xi kotba tal-moda fuqu. F'nofsu važun iffjurat b'bukett fjuri ħiereġ minn fommu. Sofà miksi lewn aħmar mal-ħajt faċċata u żewġ pultruni miksijin ukoll lewn aħmar, waħda f'kull ġenb. Tieqa fil-ħajt tal-faċċata bil-purtieri trasparenti li minnhom jidher il-beraħ li jagħti għal ġnien bis-siġar. Mal-lemin bieb bil-purtieri ħomor.*

*SOFIE u DOVINA deħlin fis-salott mill-bieb tal-lemin.*

**Dovina:** M'hix hawn il-mamà?

**Sofie:** Harġet, zi.

**Dovina:** Ilha?

**Sofie:** Ilha xi siegħa... Kellha tmur għand is-Sur Saver, il-prokuratur ta' sid il-Villa ta' Ħal Balzan.

**Dovina:** Għadu mħajjar il-papà li jixtriha?

**Sofie:** Il-papà iva, l-iktar minħabba l-ġnien u s-siġar tal-larinġ u frott li fih; imma l-mamà, milli jidher, mhux ħlief tħassarlu... mhux ħlief jitlewmu fuq hekk minn fil-għodu sa